TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 216/15/GB

**Paul Ciangura**

**vs**

**Ventur Motor Center Co. Ltd.**

Illum 27 ta' Jannar 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Novembru, 2015, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00), rapprezentanti l-ammont li hallas lil terza persuna ghal sett *tyres*, stante illi t-*tyres* li gew mal-karozza li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata ma kienux adattati ghat-toroq Maltin.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taccirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa xtara karozza fid-9 ta' Gunju 2015 minghand is-socjeta' ntimata, ghall-prezz ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500.00). Ma' l-ewwel xita, il-karozza skidjat u r-rikorrent haseb li kien hemm xi problema bil-*brakes*, pero' meta mar ghand il-*mechanic*, huwa qallu li t-*tyres* kienu tas-silg. Ir-rikorrent mar ghand tat-*tyres*, fejn huwa rega' kkonfermalu l-istess haga. Illi ghalhekk, ir-rikorrent mar lura ghand is-socjeta' ntimata biex jilmenta, fejn is-socjeta' ntimata qaltlu biex jaghzel sett *tyres* mill-karozzi li kellu fil-*yard*. Hemmhekk, ir-rikorrent ma sabx *tyres* tajbin u ghalhekk is-socjeta' ntimata qaltlu sabiex jistenna sakemm tidhol konsenja karozzi ohra. Peress li r-rikorrent kien gie nformat li t-*tyres* li kellu kienu perikoluzi, huwa ma

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

setax jistenna, ghaliex il-mara tieghu tuza l-karozza biex twassal it-tfal tat-tifla l-iskola, u ghalhekk, huwa xtara sett *tyres* minn flusu. Illi ghalhekk, huwa qed jitlob li jinghata lura mis-socjeta' ntimata, l-ammont li nefaq ghal dawn it-*tyres* li xtara minn terza persuna.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija tixtieq tfakkar li r-rikorrent xtara karozza uzata li s-socjeta' ntimata wrietu qabel ma xtraha.

Id-dettalji jmissu rahom huwa.

Allavolja hija ma kellha l-ebda obbligu li tbiddel it-*tyres*, is-socjeta' ntimata xorta wahda offriet lir-rikorrent sabiex tbidedel it-*tyres* ma' vettura ohra minn taghha.

Is-socjeta' ntimata ghandha madwar hamsin vettura in stock u wara biss zewg minuti, ir-rikorrent kien dahal lura fl-ufficcju taghha u qal li t-*tyres* li kellhom il-karozzi l-ohra kienu kollha hziena, u ghalhekk telaq il-barra.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa sett ta' tliet (3) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.PC1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi in vista tal-fatt illi l-karozza in kwistjoni kienet wahda *second hand*, allura kienet ir-responsabbilita' tar-rikorrent illi jiehu parir ta' *mechanic* jew persuna ohra kkwalifikata u jaghmel il-verifiki necessarji tieghu qabel ma xtara l-karozza in kwistjoni. Illi nonostante l-fatt illi r-rikorrent naqas minn dawn ir-responsabbilitajiet tieghu, is-socjeta' ntimata xorta wahda offriet illi tbiddel it-*tyres* in kwistjoni, pero' r-rikorrent ma aċċettax din l-offerta. Illi ghalhekk, kienet fuq deċiżjoni tar-rikorrent stess illi hallas lil terza persuna ghal sett *tyres* li diga' kienu gew offruti mis-socjeta' ntimata, u certament mhux minhabba xi nuqqas da parti ta' l-istess socjeta' ntimata. Illi

ghalhekk, it-Tribunal qed isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**